MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2009

Numru 713/2009

Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri)

Vs.

Jonathan Gauci

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat, detentur tal-karta tal-identità numru 275882(M) akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru disposizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. talli bejn l-1 ta' Awissu 2008 u it-22 ta' Lulju 2009 ikkommetta serq ta' diversi oggetti mill-fond Block 4, Door 1, Flat 12 Triq Patri Indri Vella, Birgu u mill-fond bin-numru 28 Triq Sant' Ursula, Isla liema serq huwa aggravat

bil-valur li jeccedi l-€2329.40 u bil-lok, ghad-dannut ta' ommu Nicholina Gauci u Rhoda Cauchi u aktar talli;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provediment tal-Kap 446 imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Lawrence Quintano LLD datata 24 ta' April 2009 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti mitluba wkoll li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kap 9 kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Semghet lill-akkuzat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzat hu mixli b'serq a detriment ta' ommu u t-tfajla li kien jiffrekwenta.

Fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu tidddikjarah hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Ivverifikat li sakemm is-serq jirrigwarda lill-omm l-akkuzat ir-reat hu prosegwibbli biss wara kwerela li tirrizulta minn rapport li ghamlet l-istess omm fir-rigward is-serq ipperpetrat kontra taghha.

Ikkonstat mill-fedina penali esebita li l-akkuza numru (2) ma tirrizultax ghalkemm sentenza tal-istess Qorti u data izda tas-sena 2004.

Rat l-artikoli 261(c), 267, 279(b) tal-Kap 9. tiddeciedi li tahti lill-akkuzat l-ahhar opportunita li jaqta’ mill-vizzju tad-droga u tapplika kontra tieghu l-artikolu 7 tal-Kap 446 ghall-tlett snin mil-lum u b’hekk li tpoggih taht il-harsien ta’ ufficcjal tal-probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------